

*Il-Kon-kattidral ta' San Ġwann*

## Tagħrif Storiku

# San Bastjan

## *Il-kult tiegħu fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann*

**Kitba ta' Vincent Zammit**

Bejn l-1530 u l-1798 il-gżejjer Maltin kienu taħt il-kontroll tal-Kavallieri ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Dan l-Ordni, barra li kienet il-gvern ta' Malta, kienet ukoll organizzazzjoni reliġjuża, u għalhekk huwa stess kellha l-bżonn li jkollha l-knejjes u l-kunventi tiegħha. Fil-fatt, il-gżira ta' Malta kienet meqjusa bħala l-kunvent ta' l-Ordni. Fost id-diversi bini li nbena minn din l-Ordni kien hemm palazzi, swar u fortifikazzjonijiet, kif ukoll knejjes. L-

aktar knisja importanti tagħhom kienet dik iddedikata lil San Ġwann il-Battista, mibnija fil-Belt Valletta, il-belt li kienu huma stess li bnew.

Il-Knisja ta' San Ġwann kienet ir-responsabilità ta' l-Ordni. Iżda kull lingwa li kienet tifforma parti mill-istess Ordni, kellha r-responsabilità ta' kappella waħda. Il-kappelli kienu għalhekk juru l-aspett nazzjonali ta' kull lingwa, u d-dedikazzjonijiet kif ukoll il-festi kienu jkunu fid-dmir ta' l-istess kavallieri ta' dik il-lingwa li jsiru kif xieraq.

It-tieni kappella[1] li nsibu fuq in-naħa ta' l-epistola ta' l-altar maġġur, hija dik iddedikata lil San Bastjan. Din il-kappella kienet tappartjeni lil-Lingwa ta' Alvernja, reġjun fi Franza.[2] Bħal kull kappella oħra f'din il-knisja, anke f'din hemm diversi dekorazzjonijiet li jfakkru lil dak li jkun fiż-żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Iżda l-għan ta' din il-kitba m'hijiex biex niddeskrivu l-



*Il-kappella ddedikata lil San Sebastjan*

kappella. L-għan prinċipali huwa biss ħalli naraw eżattament x'kien isir mill-istess Ordni rigward il-festa ta' San Bastjan.

**Il-Qaddis**

Mingħajr ma nidħlu fid-dettalji dwar l-istorja tal-qaddis, ngħidu biss li San Bastjan kien maħbub sew mill-istess Kavallieri ta' San Ġwann. L-ewwelnett kien hemm il-fatt li dan kien qaddis li jappartjeni l-istorja bikrija ta' l-istess Knisja Kattolika.[3] Barra minn hekk wieħed irid jiftakar ukoll li dan kien qaddis marbut ma' l-istess suldati Rumani, u l-istess kavallieri kienu suldati huma wkoll Għaldaqstant kien hemm din il-konnessjoni wkoll. Fuq kollox l-Ordni ta' San Ġwann kellha devozzjoni lejn dan il-qaddis minħabba li huwa kien wieħed mill-protetturi kontra l-mard tal-pesta. U mhux l-ewwel darba li l-Ordni stess talbet l-għajnuna tiegħu fiż-żmien ta' l-imxijja tal-pesta.

Il-festa ta' San Bastjan kienet tinżamm fl-20 ta' Jannar.[4] Il-qofol ta' din il-festa kienet tkun il-quddiesa solenni li kienet issir fuq l-altar tal-kappella. Għal din il-quddiesa kien hemm ċertu ritwali, kif ukoll dettalji li wieħed ried jieħu ħsieb li jsiru skond kif kienu jitolbu r-regolamenti. U forsi l-aktar ħaġa importanti li wieħed ried isemmi kien il-fatt li l-Ordni kellha fil-pussess tiegħha r-relikwa tal-qaddis, li allura kienet tkun iċ-ċentru ta' devozzjoni liema bħala.

Ir-relikwa tal-qaddis kienet ilha f'idejn l-Ordni ta' San Ġwann għal numru ta' snin sew. Fil-fatt inġiebet minnhom lejn Malta minn Rodi. B'xi mod jew ieħor din ir-relikwa waslet f'idejn il-Gran Mastru ta' l-Ordni Fra Emery D'Amboise (1503-1512). Ir-relikwa tikkonsisti f'parti sostanzjali mill-ispalla ta' San Bastjan. Jingħad li djaknu Grieg kien akkwista parti żgħira minn din ir-relikwa u dan kien ħadha lejn il-gżira ta' Majorca. Ir-relikwa tal-qaddis tpoġġiet fuq l-altar maġġur tal-Katidrali, u min dakinhar 'il quddiem fil-gżira ma kienx hemm aktar imxijji tal-pesta.

Għall-jum il-festa iċ-ċerimonja kienet tibda mis-sagristija...

*Il-Viċi Pirjol kien jittrasporta r-relikwa mis-sagristija għall-altar maġġur; f'nofs il-korsija kien ikun hemm lest il-Pirjol tal-Knisja, jistenna r-relikwa. Hu kien ibusha u jimxi warajha sal-presbiterju; u hekk kif kienet tiġi espostha fuq l-altar maġġur kien jagħmel l-inċens fiċ-ċensier, ibierku u jinċensaha. Wara l-esposizzjoni tar-relikwa, kienu jibdew fil-kor il-kant tat-Terza, filwaqt li l-Gran Mastru, taħt it-Tron, kien jilbes il-Manto di Punta u l-Pirjol fuq is-sedja tiegħu ta' fuq il-presbiterju kien jilbes il-ħwejjeġ pontifikali għall-proċessjoni. Malli kienet tispiċċa t-Terza, is-Sudjaknu tas-Salib tal-Kleru, bejn żewġ akkolti, kien iħarrek minn fuq il-presbiterju għall-Kappella ta' San Pawl. Il-kleru konventwali, bil-mazza quddiemu, kien joħroġ mill-kor u jimxi*

*għal wara s-salib u l-Pirjol bil-mitra f'rasu u bil-ministri kollha tal-Pontifikal wara li kien jinċensa r-relikwa u jeħodha f'idu mingħand id-Djaknu, kien jikkonduċi l-proċessjoni li kienet timxi mill-Kappella ta' San Pawl għall-kappella l-oħra sa quddiem is-sagristija, mnejn kienet tikser għan-nofs il-korsija, sa taħt il-presbiterju, imbagħad tilwi għall-kappella ta' San Ġorġ, u minnha tidħol fil-Kappella ta' San Bastjan, il-kappella tal-festa.*

*Hawn ir-relikwa kienet titqiegħed fuq l-altar tagħha, u filwaqt li l-Kanturi Konventwali kienu jkantaw kif imiss l-antifona tal-Benedictus ta' jum il-festa, il-Pirjol kien jinċensa r-relikwa, u wara l-vers kien jitla' l-altar, imur fil-ġenb ta' l-epistola, u hemm ikanta l-orazzjoni tal-qaddis. Wara dan, il-proċessjoni kienet tgħaddi mill-Kappella ta' San Bastjan għal fuq il-presbiterju u r-relikwa kienet tiġi esposta mill-ġdid fuq l-altar maġġur u l-Pirjol kien jagħti bidu għall-Quddiesa Pontifikali li fiha, fl-offertorju kienet issir iċ-ċerimonja ta' l-oblazzjoni. Wara l-barka, il-quddiesa tispiċċa bl-orazzjoni Domine Salvum fac għar-Re ta' Franza li tagħha l-Lingwa ta' Alvernja kienet fergħa.*[5]

Minn din l-informazzjoni wieħed jinnota kemm kien isir ċerimonjal b'ċertu regola għal din il-festa. Tajjeb li jingħad li r-relikwa ta' San Bastjan għadha tinstab fl-istess Knisja ta' San Ġwann. Dan minħabba l-fatt li meta Napuljun Buonaparti ordna is-serq tal-fidded, id-deheb u l-ħaġar prezzjuż ieħor li seta' kien hemm f'San Ġwann, fost knejjes oħra, l-għadam u r-relikwi li kien hemm fl-istess relikwarji, tħallew fil-knisja. Dan ir-relikwi llum jinstabu mpoġġija f'żewġ kaxxi kbar, li jinstabu fuq l-altar tal-Kappella tar-Relikwi, jew il-kappella ta' San Karlu Borromeo.

Il-paviment tal-Kappella ta' San Bastjan hija mżejna b'numru ta' lapidi li jfakkru kavallieri. Fost dawn insibu l-Kavallier Fra Jean de La Baume de



*Pittura ta' Giuseppe d'Arena fil-kappella ta' San Sebastjan li turi lill-qaddis quddiem il-papa*

Foursat, li fl-1670 huwa kien waqqaf fondazzjoni biex il-festa ta' San Bastjan setgħet tkun iċċelebrata kif kien xieraq. Dan il-kavallier kien il-Prijur tal-lingwa ta' Alvernja, u miet fis-sena 1674, fl-età ta' 72 sena.[6]

Bħala kappella, din ta' San Bastjan hija waħda minn dawk li ma tantx tingħata importanza minħabba in-nuqqas ta' monumenti sbieħ li jfakkruna fil-Gran Mastri. Iżda wieħed irid jiftakar ukoll li bħal kull kappella oħra, il-festa titulari kellha ċertu importanza u ritwal. Kif rajna, il-festa ta' San Bastjan li kienet issir fl-20 ta' Jannar, kienet issir kif kien xieraq.

1 L-ewwel kappella hija dik magħrufa bħala tal-Madonna ta' Carafa, jew inkella fejn hemm is-Sagrament. Minħabba li tkun dejjem magħluqa, ħafa lanqas biss jagħtu kas tagħha.
2 Ara l-artiklu Vincent Zammit "Il-Kappella ta' San Bastjan fil-Kon-Katidal ta' San Ġwann" f'*Il-Mument 10.9.2000.*
3 Skond l-istorja Bastjan kien ġie mogħti il-martirju fiż-żmien l-Imperatur Ruman Dijoklistjanu, fis-seklu 3.
4 Id-dettalji dwar il-festa ta' San Bastjan kif kienet tinżamm fiż-żmien il-kavallieri jinstabu fil-ktieb ta' Mons. Paolo Buttiġieġ *Tagħrif dwar il-Konkatidral ta' San Ġwann, Malta 2000,* pp.53-59.
5 Din is-silta hija kkupjata kif tidher f'Buttiġieġ, p. 59.
6 Skond l-iskrizzjoni li hemm fuq il-lapida huwa miet fit-13 ta' Diċembru.

CITY
MOTORING SCHOOL
GLADYS



Simlor Garage, Karm Debono Street, Qormi QRM 05
Tel: 249111, 250233 • Mob: 0948 7507